IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — SETTEMBRU 1945

# *DUN KARM, D.Litt.*

*MINN dejjem kien li n-nazzjonijiet jippremjaw lil dawk li bil-ħidma, bil-għerf jew bil-għaqal tagħhom għamlu ġieħ lil art twelidhom. Dan il-premju jingħata bħala foħrija lil min ħaqqu u bħala tħeġġiġa lil oħrajn biex dejjem aktar jagħmlu l-ħila u jħabirku ħalli jwettqu ħidma ta' fejda u jgħollu isem l-art li fiha twieldu.*

*Dak il-ġieħ li jingħata jsarraf ftit jew wisq skond is-setgħa ta' min jagħtih: aktar ma jkun għoli min jagħti l-ġieħ akbar tkun il-foħrija li titnissel minnu. Għalhekk meta l-Università Rjali tagħna qatgħet li tħaddan lil Dun Karm bħala wieħed minn uliedha u tagħnih bil-grad ta' Duttur, l-aqwa awtorità fil-qasam tal-għerf ta' pajjiżna tat xhieda ta' qima li tistħoqq lil Dun Karm għal kull ma għamel biex igħolli l-ilsien tagħna u jorqom il-letteratura ħalli ma tkunx anqas minn tal-barranin; u billi l-Università tagħna timxi bis-setgħa tal-Gvern, ifisser li l-Gvern ukoll għaraf il-ġieħ li jistħoqqlu Dun Karm, il-President Onorarju tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" bħala l-ogħla poeta ta' Malta.*

## Traduzzjonijiet bil-Malti

*Dan l-aħħar qamet polemika fuq it-traduzzjonijiet bil-Malti. Bdiet Miss May Butcher, waħda mill-Membri Akkademiċi tal-"Għaqda" li kitbet ittra fit-"Times of Malta" u mbagħad is-soktaw oħrajn u kulħadd qal tiegħu. L-ittra ta' Miss Butcher kienet ta' fejda kbira u billi dehrilna li tiswa bħala twissija ta' kif għandhom isiru t-traduzzjonijiet, tlabna lis-Sur Godfrey Zarb Adami jaqlibhielna għall-Malti u ssibuha aktar 'l isfel. Aħna naqblu ma' Miss Butcher u bħalha jidhrilna li jkun ta' ġid kbir jekk jinqalbu għall-Malti xogħlijiet ta' Awturi kbar barranin ħalli mhux biss il-kittieba tagħna jkollhom xempju ta' kitba tajba imma l-qarrejja Maltin ukoll ikunu jistgħu jgawdu opri kbar barranin.*

*Din hija l-ittra ta' Miss May Butcher:—*

Lill-Editur *Times of Malta*.

Sinjur — L-artikolu editorjali tiegħek li deher fil-ħarġa tat-30 ta' Ġunju taħt l-isem "Rumanzi Maltin" (Maltese Novels) interessani ħafna. Tippermettili nagħmel xi suġġerimenti fuq

dan is-suġġett?

La darba l-kittieba jitwieldu u le jsiru—saħansitra jekk il-il-ħajra għall-kitba tkun il-qligħ tal-flus!—hi ħaġa ċara li f'kull art il-perċentaġġ tal-kittieba hu żgħir: għalhekk f'nazzjon hekk żgħira bħal din ma jistax ikun li l-għadd tal-kittieba kbar jilħaq aktar minn tnejn jew tlieta f'kull ġenerazzjoni. Meta nazzjon ġà jkollha letteratura, ma jimpurtax (forsi) wisq jekk ikunu ippubblikati għadd ta' xogħlijiet ta' siwi letterarju mhux kbir u li biż-żmien imutu, imma fil-kas tagħna aħna rridu nħawlu fl-ilsien Malti u fl-iqsar żmien possibbli xitla letterarja li tagħti frott bnin.

Dan ma jistax isir jekk irridu li l-frott ikun magħmul minn xogħlijiet oriġinali ta' kittieba Maltin biss: għalhekk jien irressaq dan is-suġġeriment—li l-kotba klassiċi jkunu maqluba għall-Malti kemm jista' ikun bla telf ta' żmien; bis-saħħa t'hekk il-Maltin kollha u ta' kull klassi jkunu jistgħu jaqraw dawk il-kotba letterarji li bħalissa jistgħu jtiegħmu l-benna tagħhom dawk biss li jaqrawhom fi traduzzjoni Ingliża jonkella li jafu bl-ilsien li bih huma miktuba dawk il-klassiċi.

Hawn nixtieq ingħid li "Lamb's Tales from Shakespeare" maqlubin għall-Malti kienu sejrin jidhru fl-1940 li ma kienx imħabba l-gwerra, billi żewġ kittieba Maltin magħrufa kienu ittraduċew bejniethom dak ix-xogħol li kien kważi lest għal kolliox f'dik is-sena. Nittama li issa, billi l-qagħda tad-dinja tbiddlet, din il-ħidma tagħhom, tassew ta' min ifaħħarha, ma ddumx ma tara d-dawl.

Il-fehma tiegħi hi li l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" ġġiegħel lil kull imsieħeb Malti jaqleb f'ilsienu, jew waħdu, jonkella flimkien ma' ħaddieħor, ktieb kull 12-il xahar. B'dan il-mod fi żmien sena ikollna maqlubin għall-Mati xi 50 ktieb klassiku, li magħhom jiżdiedu wkoll dawk ix-xogħlijiet oriġinali li l-kittieba Maltin ikollhom ħila jipproduċu; fl-istess ħin ix-xogħol ta' traduzzjoni ta' l-aqwa kittieba tad-dinja jservi lill-imseħbin ta' taħriġ fl-istil u fil-mod kif ifissru ruħhom u b'hekk ikunilhom ta' ġid kbir kulturali. Sabiex xogħol letterarju ma jkunx tradott darbtejn (ħaġa li tfisser telf ta' żmien) jiena nissuġġerixxi li l-"Għaqda" tagħmel lista ta' klassiċi miktubin fi proża (bħalma huma l-kotba ta' Dickens, Scott, Hardy, eċċ, "I Promessi sposi" tal-Manzoni, id-"Don Quixote" ta' Cervantes, eċċ., eċċ.) u tqabbad lill-imsieħba tagħha jittraduċuhom skond il-ħila li

huma għandhom fl-ilsien li fih huma miktuba dawk l-opri: b'dan il-mod ma jsirx ħala ta' żmien billi ebda ktieb ma jkun bla ħsieb ta' xejn magħżul għat-traduzzjoni minn aktar minn imsieħeb wieħed.

Ma għandu jkun hemm ebda ħlas—bi flus jew b'xi mod ieħor—imbarra s-sodisfazzjon li wieħed iħoss meta jwettaq biċċa xogħol tassew ta' min jagħmilha — iżda l-Gvern għandu jkun imħejji jilqa' fuq spallejh l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni u jmissu jqassam dan ix-xogħol fost l-istampaturi kollha ta' Malta sabiex dawn jieħdu sehem mhux biss mill-qligħ iżda wkoll fil-ġieħ li jgħinu sabiex tinħoloq letteratura kulturali fl-ilsien Malti.

Forsi ma tkunx ħaġa barra minn lokha jekk inżid ingħid li jiena qlibt mill-Ġermaniż għall-Malti opra klassika miktuba għat-tfal, iżda billi jiena miniex Maltija, ix-xogħol tiegħi, qabel ma jkun ippubblikat, irid ikun mifli minn kittieb Malti li jinqala' għalhekk.

Tiegħek,

MAY BUTCHER,

Sieħba Akkademika tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"

24, Triq Amery,
Tas-Sliema 4 ta' Lulju, 1945.